**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru : 327/15 AL

**AB**

**vs**

**Avukat Dr Abigail Bugeja u PL Marie Claire Bartolo b'digriet tal-21 ta' Awissu 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti L M B (K.I. Nru 22847 A)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn (22/08/2000) (Ara Dok 'A' anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal (2) V Darren u K R, illi ghadhom ilkoll minorenni) ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata disgha u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (29/11/2012) fl-ismijiet Darren B vs. L M B (Rikors Guramentat numru 370/11RGM) (Ara Dok 'B' anness) ;

Illi skont l-istess sentenza ta' separazzjoni (Ara Dok B, pagna 5), ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet ;

Illi m’hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti f’dan l-istadju favur l-ulied u dan ai termini ta’ l-istess sentenza ta’ separazzjoni surriferita (Ara Dok B, pagna 5) ;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati sa mit-tnejn u ghoxrin ta’ Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (22/08/2010) ;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba’ (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Illi r-rikorrent Darren B ghamel affidavit fejn jikkonferma l-fatti li jinsabu f’dan ir-rikors stante illi ser ikun indispost dak in-nhar illi ser ikun hemm is-seduta tal-Qorti, liema affidavit qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘C’ ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

1) Illi huma m’humiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;
2) Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Settembru 2015.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul u dana peress li ipprova li l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Novembru 2012, u *de facto* separati minn xulxin sa mit-22 t'Awissu 2010 cioe’ ghal iktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-paritjiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati biex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Regsitru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur